

IL-QORTI ĠENERALI

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Lulju 2021 – Coravin vs EUIPO – Cora (CORAVIN)

(Kawża T-500/19) ⁽¹⁾

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Dikjarazzjoni ta' revoka tat-trade mark nazzjonali preċedenti li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2021/C 401/08)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Coravin, Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentant: F. Valentin, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Cora (Marne-la-Vallée, Franza) (rappreżentant: M. Georges-Picot, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' April 2019 (Każ R 2385/2016-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Cora u Coravin.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 288, 26.8.2019.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Lulju 2021 – SN vs Il-Parlament

(Kawża T-249/21 R)

("Miżuri provviżorji – Membru tal-Parlament Ewropew – Irkupru ta' allowances imħallsa bħala rimbors għall-ispejjeż ta' assistenza parlamentari – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Ksur tar-rekwiżiti formali – Inammissibbiltà – Nuqqas ta' urġenza")

(2021/C 401/09)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: SN (rappreżentant: P. Eleftheriadis, barrister)

Konvenut: Il-Parlament (rappreżentanti: N. Görlitz u M. Ecker, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiżi għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament tal-21 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerha l-irkupru tas-somma ta' EUR 196 199,84 indebitament imħallsa, kif ukoll tan-nota ta' debitu Nru 7010000021, tal-15 ta' Jannar 2021, sussegwenti għal din id-deċiżjoni.